MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2010

Avviz Numru. 228/2009

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**vs**

**Jason Caruana**

**Il-Qorti:-**

Rat l-avvizipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Gunju 2009 fejn is-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' sitt elef u tmienja u hamsin euro u hamsa u ghoxrin euro centesmu (EURO 6058.25) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut minn Jason Caruana lil Mobisle Communications Limited in kwantu ghal servizzi rezi lilu mill-istess Mobisle Communications Limited fix-xhur bejn is-sena 2007 u is-sena 2008 u dana in segwitu ta', u skond Client Contract No 410468 liema kuntratt huwa ffirmat minn Jason Caruana.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Ittra Ufficjali tat-tletin (30) ta’ Marzu 2009 u tal-Mandat ta’ Sekwestru pprezentat kontestwalment ma’ dana l-att u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li huwa ngunt in subizzjoni.

Rat illi l-konvenut kien debitament notifikat skond riferta posittiva tal-Marixxal Ivan Spiteri Bianchi datata l-ewwel (1) ta’ Frar 2010, fejn thalliet kopja tal-avviz fil-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta, fl-ghassa tal-pulizija tal-Belt Valletta kif ukoll fl-indirizz tal-konvenut moghti fl-avviz.

Illi l-konvenut gie notifikat b’din il-kawza wkoll permezz t’avviz li deher fil-Gazzetta tal-Gvern nhar it-tnejn (2) ta’ Frar 2010 u fil-gazetta lokali ‘The Times’ datata sitta u ghoxrin (26) ta’ Frar 2010.

Illi fis-seduta tas-sittax (16) ta’ Marzu 2010, is-socjeta’ attrici  pprezentat Kapitolu fil-konfront tal-konvenuti.

Rat illi fis-seduta tas-sbatax (17) ta’ Marzu 2010 il-konvenut gie msejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi ‘n subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-Avukat difensur tas-socjeta attrici jghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qeghda tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt elef u tmienja u hamsin Euro u hamsa u ghoxrin Euro centesmu (EURO 6058.25) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxijiet legali skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------